# MANWAL TAL-UTENT

# Kif titwassal id-dejta lir-Repożitorju tad-Dejta tan-Negozji (BDR)

*Manwal għall-intrapriżi li jissottomettu d-dejta fir-rigward tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 (Ir-Regolament ODS) u/jew l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 (Ir-Regolament dwar il-Gass F)*

## Introduzzjoni

Dan id-dokument fih istruzzjonijiet għall-utent għas-sottomissjonijiet elettroniċi tad-detja tal-ODS u tal-Gassijiet F permezz ta' Reportnet, sistema ta' rapportar onlajn immaniġġjata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) b'mod speċjali mfassla biex tittejjeb l-effiċjenza fil-flussi tad-dejta. Il-kumpaniji se jissottomettu d-dejtasetts elettroniċi uffiċjali permezz tal-modulu tar-Repożitorju tad-Dejta tan-Negozji (BDR) ta' Reportnet.

Dawn il-linji gwida jispjegaw b'mod partikulari kif tuża l-infrastruttura elettronika biex tissottometti rapporti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istat Membru skont

– l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (Ir-Regolament dwar l-ODS) u
– l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati (Ir-Regolament dwar il-Gass F)

Dan il-manwal jispjega biss il-proċess ta' sottomissjoni. Jekk jogħġbok ikkonsulta d-dokumenti applikabbli ppubblikati mill-Kummissjoni għall-informazzjoni dwar it-tlestija tar-rapporti. Il-links huma disponibbli fit-taqsima ta' għajnuna tal-BDR: https://bdr.eionet.europa.eu/help.

## Dwar il-BDR

Ir-Repożitorju tad-Dejta tan-Negozji (BDR) hu sistema elettronika ta' rapportar onlajn immaniġġjatat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Il-BDR ġie speċifikament żviluppat biex jimmaniġġja l-informazzjoni konfidenzali li l-bażi tagħha huma l-kumpaniji.  Għal aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-konfidenzjalità fi ħdan is-sistema ara:

https://bdr.eionet.europa.eu/help/dataconfidentiality.

L-użu tal-BDR għas-sottomissjoni tar-rapporti għandu għadd ta' vantaġġi.

– Il-BDR hu sistema aktar sigura mill-posta elettronika. Joffri protezzjoni aħjar kontra l-interċettazzjoni u t-telf tad-dejta.
– M'hemmx għaliex tissottometti għal aktar minn destinazzjoni waħda billi l-partijiet interessati kollha għandhom aċċess għall-BDR
– Il-BDR hu trasparenti u traċċabbli.
– Il-kontenut tat-twassil (id-dejta kummerċjali ta' kumpaniji individwali rapportata skont ir-regolament dwar il-Gas F u l-ODS) se jkun awtomatikament ristrett milli jarah il-pubbliku. Tali dejta (inkluża s-sottomissjoni ta' snin preċedenti) se tkun disponibbli biss lill-entitajiet awtorizzati. Għal aktar tagħrif ara: https://bdr.eionet.europa.eu/help/dataconfidentiality

## Il-proċess ta’ sottomissjoni

It-twassil kollu għandu jkun ipprovdut permezz tar-Repożitorju tad-Dejta tan-Negozji (BDR) ta' Reportnet Proċess ta’ twassil għandu 4 attivitajiet ewlenin kif spjegat hawn taħt:

### ➢ Attività 1: Awtentiċità tal-utent

Biex tkun tista' tirrapporta jeħtieġlek kont kemm b'isem l-utent u password, kif ukoll il-permess biex tapplowdja t-twassil għal kull obbligu ta' rapportar.

Jekk il-kumpanija tiegħek irrapportat f'sena preċedenti (p.e. 2013), l-EEA se tibgħat email lill-persuni ta' kuntatt irreġistrati għall-kumpanija tiegħek. Din se tinkludi isem l-utent tal-kumpanija tiegħek, informazzjoni addizzjonali dwar il-proċess tar-rapportar, u l-password għar-rapportar matul is-sena l-ġdida (p.e. 2014). Jekk jogħġbok kun af li minħabba raġunijiet ta’ sigurtà se tinħoloq password ġdida kull sena u se tintbagħat mill-EEA waqt li ssir l-istedina biex tirrapporta (tal-anqas sa tmiem Frar).

L-informazzjoni se tintbagħat lill-kumpaniji rispettivi l-aktar tard sat-22 ta' Frar 2012.

Jekk tirrapport għall-ewwel darba jekk jogħġbok irreġistra f'dan il-link https://bdr.eionet.europa.eu/registry/self_register. Ir-rikjesta tal-kont se tkun valutata u se jingħatawlek login u password permezz ta' email.

| | |
|---|---|
| Nota: | Fil-każ ta':<br>– Login/Password minsijin<br>– bidliet f’isem il-kumpanija<br>– diffikultajiet matul il-mili tal-kwestjonarji onlajn<br>– problemi tal-iddawnlowdjar<br>– mistoqsijiet oħrajn relatati mal-BDR<br><br>Jekk jogħġbok ikkuntattja l-helpdesk tal-BDR f'dan il-link: |
| BDR.helpdesk@eea.europa.eu | |

### ➢ Attività 2: Idħol fir-Repożitorju tad-Dejta tan-Negozji, illoggja u vverifika d-dettalji tal-kumpanija tiegħek

- ***Pass 1: Login***

Għandek aċċess għall-BDR f'dan il-link: https://bdr.eionet.europa.eu

Meta tkun qed tipprepara għat-twassil tad-dejta dwar l-ODS jew il-Gass F, l-ewwel jeħtieġlek tilloggja fil-fowlder għal kumpanija tiegħek billi tuża isem l-utent u l-password. Jekk il-kumpanija tiegħek jeħtiġilha tirrapporta skont iż-żewġ regolamenti, jekk jogħġbok żomm f'moħħok li għandek kont individwali għal kull obbligu. Tirrapportax, pereżempju, dejta dwar il-Gass F fil-kont tal-ODS tiegħek. Twassil ħażin ta' din ix-xorta se jitwarrab.




Billi tikklikkja l-kaxxa tal-"Login" tinfetaħ il-window segwenti:




Wara li tikteb isem l-utent u l-password se jidher l-iskrin li ġej:




- ***Pass 2: Irrivedi d-dettalji tal-kumpanija tiegħek***

Nirrakkomandawlek bis-saħħa li tirrivedi d-dettalji tal-kumpanija tiegħek (inkluża l-informazzjoni dwar il-persuna ta' kuntatt) qabel ma tibda l-proċess ta' rapportar. Id-dettalji tal-kumpanija se jkunu b'hekk inklużi fir-rapport tal-kumpanija.

Billi tikklikkja l-link "Editja organizzazzjoni" se taċċessa l-paġna tad-dettalji tal-kumpanija tiegħek fejn tista' tivverifika jekk l-informazzjoni kollha reġistrata għal kumpanija tiegħek hix korretta.




Żgura li l-informazzjoni provduta hi korretta. Jekk mhux imbagħad f'din il-paġna tista':

- tibdel l-indirizz tal-kumpanija tiegħek

- iżżid l-EORI u n-numru tal-VAT tal-kumpanija tiegħek

- iżżid jew tneħħi l-persuni ta' kuntatt tal-kumpanija

- teditja d-dettalji tal-persuni ta' kuntatt

F'din il-paġna ma tistax tibdel l-isem tal-kumpanija, il-pajjiż, l-isem tal-kont jew l-obbligu. Li jimmodifika isem il-kumpanija, jekk jogħġbok ikkuntattja l-helpdesk tal-BDR (bdr.helpdesk@eea.europa.eu).

L-oqsma kollha mmarkati b'asterisk ħamra huma obbligatorji biex timlihom.

Kull operatur ekonomiku stabbilit fl-UE jeħtieġ li jkollu numru tal-EORI. Jekk ma tafx in-numru tal-EORI tal-kumpanija tiegħek jekk jogħġbok ikkonsulta mad-dipartiment tal-loġistika tiegħek (il-wasla u d-dispaċċ ta' merkanzija) li jittratta l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dwana. **Trid tagħti n-numru tal-EORI jekk se tirrapporta attivitajiet tal-ODS relatati ma' importazzjonijiet/esportazzjonijiet!**

Aqra aktar dwar in-numru tal-EORI minn dan il-websajt:
http://ec.europa.eu/ecip/security_amendment/who_is_concerned/index_en.htm#eori

**Jekk jogħġbok kun żgur li l-informazzjoni tal-kumpanija tiegħek hi korretta f'dan il-pass, billi ma tkunx tista' tibdilha wara li tkun bdejt timla l-kwestjonarju!**

## ➢ Attività 3: Aċċessa l-fowlder tal-kumpanija tiegħek u oħloq envelopp ġdid

- ***Pass 1: Aċċessa l-fowlder tal-kumpanija tiegħek***

Se taċċessa l-fowlder tal-kumpanija tiegħek billi tikklikkja l-isem tal-kumpanija fil-ewwel paġna tal-BDR.




- ***Pass 2: Oħloq envelopp ġdid***

Issa **oħloq envelopp ġdid** li se jkun fih it-twassil tad-dejta tiegħek billi tikklikkja l-buttuna "Envelopp ġdid" fir-rokna ta' fuq tal-lemin tal-iskrin:



- ***Pass 3: Agħti envelopp ġdid lill-metadejta korretta:***

Kun żgur li tipprovdi l-metadejta preċiża (ara t-tabella t'hawn taħt) għall-envelopp tiegħek sabiex tkun tista' tidentifika l-kontenut tiegħu aktar tard.




*Metadejta li għandha tiġi inkluża*

| | |
|---|---|
| Titlu tal-envelopp | It-titlu għandu jżomm ma' dan il-format: isem l-utent_SSSS_v1<br>- isem l-utent hu isem l-utent tiegħek użat għal-login (p.e. ODS10001 jew FGAS12345)<br>- SSSS hi s-sena li għaliha tapplika d-dejta (p.e. 2013 għad-dejta rappurtata fl-2014)<br>- v1 huwa n-numru tal-verżjoni tad-dejtasett (fil-każ ta' sottomissjonijiet mill-ġdid, għandha tiżdied il-verżjoni) |
| Deskrizzjoni: | Sottomissjoni oriġinali tad-dejta: "Sottomissjoni oriġinali"<br>Għal twassil mill-ġdid ta' dejtasett: "Twassil mill-ġdid" + ir-raġuni għas-sottomissjoni mill-ġdid |
| Li tikkonċerna liema sena: | Is-sena koperta mid-dejtasett (sena ta' rapportar) – p.e. 2013 għad-dejta li għandha tiġi rapportata sal-31/03/2014 |
| Kopertura | B'difolt dan hu l-Istat Membru li tinsab fih il-kumpanija tiegħek. Kwalunkwe rapport għandu jkopri biss id-dejta ta' dan l-Istat Membru. |
| Nota ta' kopertura | Għall-finijiet tar-rapportar skont ir-regolament dwar l-ODS jew il-Gass F dan il-qasam mhux rilevanti. |

- ***Pass 4: Iftaħ l-envelopp***




Iftaħ l-envelopp billi tikklikkja l-isem tal-envelopp li ħloqt.

- ***Pass 5: Attiva l-inkarigu:***

Il-mod li tibda x-xogħol fl-envelopp hu li ddaħħal l-envelopp u tattiva l-inkarigu ta' Abbozz billi tikklikkja l-link <Attiva l-inkarigu: Abbozz > jew billi tagħfas il-buttuana <Attiva l-inkarigu>.




Wara l-attivazzjoni, *tirriżerva l-envelopp għalik innifsek biex taħdem fih (toħloq/tappdejtja d-dokumenti).*

➢ **Attività 3: Tagħmel it-twassil tiegħek**

Meta tattiva inkarigu, se tara l-iskrin li ġej:



EEA | EnviroWindows | Logout (ods30000)

EIONET
Data reporting for business

You are here: Eionet» BDR» Ozone depleting substances (ODS)» Romania» Business Reporter Testing Ltd» ods30000_2012_v1

Services
» BDR home
» Search
» Help
» Self-registration
» Edit organisation

Overview | Draft delivery | Edit properties | History

Draft delivery

Add supporting file
Copy previous delivery
Upload zipfile
Submit to DG CLIMA/EEA
Deactivate task

The reporting of your company data should be done by using an on-line questionnaire developed to guide you through this process.

Reporting is required for any company that has produced, imported, exported, destroyed and/or used ozone-depleting substances as feedstock or process agent.
In case you are not obliged to report (see FAQs under the "Help" Section), please add and edit a NIL reporting questionnaire.

Please use one of the following links to add or update your questionnaire.

*Add and edit a* Ozone Depleting Substances (ODS) reporting questionnaire

*Add and edit a* NIL reporting questionnaire

Process: Step by Step

*Note: You are advised to print this page in order to be able to follow the process*

**Step 1:**

Fill in data using the on-line questionnaire. The system will automatically store your data in this envelope after clicking the "Save" button on the questionnaire. You can always interrupt your work and continue your contribution at a later time without losing data.

**Step 2:**

After saving a draft delivery, you can evaluate the quality of the data you have reported. To do so click on the button "Run QA" next to the reported file in the envelope. If any of the tests detect errors in the data, it is necessary that you correct them by modifying your questionnaire before submitting the delivery.

**Step 3:**

Once you are satisfied that your company report is correct, you must certify the correctness of your report and click on *"Submit the delivery to DG CLIMA and EEA"*. No changes in the reported data in the envelope can be performed afterwards. The system will automatically evaluate the quality of your data, running the same tests as in step 2. This process may take a few minutes. The results will be provided in the Feedback report in the envelope.

**Step 4:**

In case all the quality checks have been successful, a positive confirmation receipt will be created under the envelope and your company has successfully reported the required information to DG CLIMA.

If the feedback "*Data delivery was not acceptable*" is shown in the Feedback section, then some important checks have failed. In this case, a list of errors will also be found in the Feedback report. Additionally, a new envelope will be created and all the reported data/submitted files will be copied to this envelope, so that you can correct the errors in the questionnaire and submit again using the same process as in Step 2. Please note that, in order to do so, you first need to re-activate the task in this newly created envelope.

Utenti oħra (f'każ li jkun hemm diversi relaturi fil-kumpanija tiegħek) mhux se tkun tista' tintervjeni fuq l-envelopp sakemm int ma tagħżilx:

- *Issottometti lid-DG CLIMA/EEA* (is-sistema timxi 'l quddiem għall-pass li jmiss fil-proċess tar-rapportar, il-validazzjoni tad-dejta) - jew
- *Iddiżattiva l-inkarigu* mill-buttuna blu korrispondenti fuq il-lemin li tissejvja x-xogħol li jkun diġà sar u tagħmilha possibbli għal ħaddieħor li jassumi l-inkarigu

Matul il-ħin li xi ħadd jaħdem fuq inkarigu, il-kollegi tiegħu/tagħha jkunu jistgħu jaraw dan billi jikkonsultaw l-*Istatus* tal-envelopp (li f'dan il-każ se juri: L-inkarigu li jkun għaddej: Abbozz (utent: relatur).

Ir-rapportar tad-dejta tal-kumpanija tiegħek għandu jsir billi jintuża kwestjonarju onlajn żviluppat biex jiggwidak tul dan il-proċess.

Jekk int **relatur tal-ODS** mela r-rapportar hu meħtieġ għal kwalunkwe kumpanija li pproduċiet, importat, esportat, qerdet u/jew użat sustanzi qerrieda tal-ożonu bħala materja prima jew aġent tal-proċess. Kompli

b'Pass 1 (Għażla 1) it-taqsima f'dan id-dokument. Informazzjoni ddettaljata dwar il-kwestjonarju onlajn tista' tinsab fl-ANNESS I - Rapportar dwar l-ODS

Jekk int relatur tal-Gassijiet F mela r-rapportar hu meħtieġ għal kwalunkwe kumpanija li pproduċiet, importat u/jew esportat aktar minn tunnellata metrika ta' gassijiet serra fluworurati, jew preparazzjonijiet li fihom gassijiet serra fluworurati matul is-sena ta' rapportar. Kompli b'Pass 1 (Għażla 1) it-taqsima f'dan id-dokument. Informazzjoni ddettaljata dwar il-kwestjonarju onlajn tista' tinsab fl-ANNESS II - Rapportar dwar l-ODS

Jekk m'intix obbligat li tirrapporta, jekk jogħġbok żid u editja **Kwestjonarji ta' rapportar NIL**. Kompli b'Pass 1 (Għażla 2) it-taqsima f'dan id-dokument.

- ***Pass 1** (Għażla 1): **Irrapporta d-dejta billi tuża kwestjonarji onlajn***

Issa tinsab lest biex tibda t-twassil tad-dejta. Il-pass li jmiss hu dak li timla r-rapport tiegħek bl-użu ta' kwestjonarji onlajn, li jistgħu jiġu aċċessati billi tikklikkja l-link fuq l-envelopp:







Jeħtieġlek xi ftit sekondi biex tapplowdja l-kwestjonarju. Jekk qed tuża l-Internet Explorer bħala l-brawżer tal-web bħala difolt, imbagħad tista' tiġi rikjest tikklikkja "Ibda biex timla formola tal-web vojta" f'każ li l-brawżer ma jiħdokx lura awtomatikament. Wara li tiftaħ il-kwestjonarju se tara l-iskrins li ġejjin, li jiddependi fuq liema regolament jeħtieġlek tirrapporta:




*L-ewwel paġna għar-Regolament dwar l-ODS*

Il-kwestjonarji ta' rapportar għall-ODS u l-Gassijiet F huma kemxejn differenti iżda dawn jikkondividu xi prinċipji ta' użu ġenerali. Gwida ddettaljata għall-użu ta' dawn iż-żewġ kwestjonarji tinsab fl-Anness 1 (ODS) u fl-Anness 2 (Gassijiet F) tal-manwal, disponibbli f'dan il-link https://bdr.eionet.europa.eu/help.

**Prinċipji ġenerali għall-użu tal-kwestjonarji onlajn:**

- Il-forom differenti huma aċċessibbli mill-**bar tan-navigazzjoni ta' fuq** fil-erja griża taħt it-titlu tal-formola.

- Il-**bar tan-navigazzjoni ta' fuq** hi dinamika u n-numru eżatt ta' buttuni viżibbli (tabs) jiddependi mill-attivitajiet tal-kumpanija tiegħek dikjarati fil-formola tad-"Dettalji tal-Kumpanija". Il-buttuni addizzjonali se jkunu viżibbli wara li tkun komplejt il-formola "Dettalji tal-Kumpanija".

- Il-**bar tran-navigazzjoni** fl-erja griża wara l-formola ta' rapportar fiha links dinamiċi għal formoli li jmiss u preċedenti.


EIONET
European Environment Information and Observation Network

You are here: Eionet» BDR» WebForm

REPORTING FORM FOR PRODUCERS, IMPORTERS AND EXPORTERS OF FLUORINATED GREENHOUSE GASES

Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

Introduction & Instructions | Background | Company Information — Bar għan-Navigazzjoni

Company Id fgas30000 Company name: TEST company F-Gases Transaction Year 2012

PART 1

INTRODUCTION

Article 6 of Regulation (EC) No 842/2006 on certain fluorinated greenhouse gases requires that producers, importers, and exporters of fluorinated greenhouse gases report certain activities to the European Commission annually, beginning in 2008 (for activities occurring during 2007). The following form is to be completed by producers, importers, and exporters in the European Community who produce, import, and/or export more than one metric tonne of fluorinated greenhouse gases, or preparations containing fluorinated greenhouse gases, per annum.

Quantities imported or exported shall include bulk shipments, including those shipped with equipment for the purpose of charging that equipment, but not quantities contained in equipment (i.e., pre-charged equipment). Reported imports and exports of fluorinated greenhouse gases should include only those quantities imported from or exported to countries outside the Community. Similarly, Regulation (EC) No 842/2006 does not require importers to report on quantities purchased from Community producers or distributors, or on stockpiled quantities originally obtained from Community producers or distributors.

Companies that produce and capture more than one tonne of fluorinated greenhouse gases as a by-product of other chemical production (e.g., production of HFC-23 from the manufacture of HCFC-22) are responsible for completing this form to account for captured fluorinated greenhouse gases; by-products that are emitted and not captured do not need to be reported in this form.

CONFIDENTIALITY

All information provided in this report shall be considered strictly confidential. No company-specific information shall be disclosed to the public; all company data shall be aggregated into summary reports before being made available to the public. Any concerns regarding confidentiality can be addressed to the Commission or to the entity designated by the Commission.

INSTRUCTIONS

Complete the "Company Information" form. Based upon your selection for the transaction(s) conducted in the previous calendar year, reporting forms will be automatically generated, as appropriate. Complete each worksheet that is generated to account for activities occurring during the previous calendar year (i.e., activities conducted in 2007 should be reported and submitted in 2008, no later than 31 March). For your reference, definitions that may be helpful for completing the forms and a listing of the the regulated fluorinated greenhouse gases with corresponding CAS numbers are provided in the worksheet entitled, "Background" (Part 2). Note that reporting is normally done at the company level (not the facility level).

Complete all applicable parts of this form to account for activities occurring during the previous calendar year (i.e., activities conducted in 2007 shall be reported and submitted in 2008, no later than 31 March). For your reference, definitions that may be helpful for completing the forms and a listing of the regulated fluorinated greenhouse gases with corresponding CAS numbers are provided in Part 2.

Note that reporting is normally done at the company level (not the facility level).

**Submission**

Once completed, this report must be submitted by 31 March of the year following the year for which the report applies. The report shall be submitted to the Commission or to the entity designated by the Commission and to the competent authority in your Member State.

Next form — Bar għan-Navigazzjoni t'Isfel

Save | Save & Close | Cancel — Buttuni ta' azzjoni

You can see help text on a field in a screen-tip by moving your mouse over the field

*L-ewwel paġna għar-Regolament dwar l-ODS*

- Il-buttuni ta' azzjoni fil-qiegħ tal-paġna jippermettulek:
  - **Tissejvja** – tissejvja l-istat korrenti tad-dejta fil-envelopp tal-BDR fil-fajl XML
  - **Tissejvja u tagħlaq** – tissejvja d-dejta u tiftaħ il-paġna tal-envelopp tal-BDR

- **Tikkanċella** - tiftaħ il-paġna tal-envelopp tal-BDR mingħajr ma tissejvja
- **Privju tal-ipprintjar** – tiftaħ il-privju tal-ipprintjar tad-dejta rapportata f'window ġdida
- **Run QA** – jimmaniġġja verifiki ta' kwalità dwar id-dejta rapportata u jiftaħ ir-riżultat f'window ġdida.

Id-dejta tiegħek se tiġi awtomatikament issejvjata meta tinnaviga bejn forom differenti ta’ rapportar. Tista' tinterrompi xogħlok fuq il-formola tal-web billi tikklikkja l-buttuna "Issejvja u agħlaq" f'kull ħin u tkompli aktar tard mill-envelopp tal-BDR. Id-dejta hi maħżuna f'fajl XML fl-envelopp tal-BDR (ara l-istampa hawn taħt):




Ikklikkja l-isem tal-fajl biex tara u tipprintja d-dejta rapportata tiegħek.  Meta tuża l-link tal-"Folja ta' fatti tal-HTML" fil-paġna tad-dettalji tal-fajl tiftaħ id-dejta tiegħek f'format li tista' tipprintjah.

**Iftaħ mill-ġdid il-kwestjonarju**

Ikklikkja l-link "Immodifika" fuq l-envelopp biex tkompli tirrapporta dwar fajl eżistenti fl-envelopp:



- ***Pass 1 (Għażla 2): Żid kwestjonarju ta' rapportar NIL***

Uża l-link segwenti biex tiftaħ kwestjonarju ta' rapportar NIL:

*Add and edit a* NIL reporting questionnaire

Wara li tiftaħ il-kwestjonarju se tara l-iskrin li ġej:


You are here: Eionet » WebQ » WebForm

Language: BG CS DA DE EL EN ES ET FI FR HU IT LT LV MT NL PL PT RO SK SL SV

NIL REPORTING FORM FOR ODS

ods30000 Company name **Business Reporter Testing Ltd** Transaction year **2013**

**Company contact information**

*Do not include any data from legal entities other than the one indicated below (e.g. subsidiaries or sister companies). Each legal entity needs to complete an individual form.*

| | |
|---|---|
| **Company name** | Business Reporter Testing Ltd |
| **Company address** | Clucerului 55 |
| | Bucuresticentre |
| **Post code** | 011364 |
| **Country** | Romania |
| **EORI code:** | eori11 ? |
| **VAT code:** | RO111111111111111 |
| **Contact person** | Smith John |
| **Phone number** | +40212221522 |
| **Fax number** | |
| **E-mail address** | smith@testcompany.com |
| **Contact person** | Ods Reporter |
| **Phone number** | 111 |
| **Fax number** | 222 |
| **E-mail address** | ods@ods.ods |
| Confirm or modify | Confirm Modify |

**Important note:**

Please make sure that all the information provided in this page is correct before clicking on the 'Confirm' button. After this point you will not be able to change your company data!

If you need to change the information provided, please click on the 'Modify' button and after correcting company's information you can continue with the questionnaire in BDR envelope.

**Transaction year**

(Year to which this report applies) 2013

**Confirmation**

Not obliged to report (NIL report)

Explanation:

The company has not produced, imported, exported, destroyed and/or used ozone-depleting substances as feedstock or process agent.

Certify correctness Cancel

*To 'Certify Correctness' you need to confirm your company information first.*

*After certifying correctness the report will be stored in BDR's envelope. Continue with BDR envelope to finalise the submission by clicking "Submit to DG CLIMA/EEA" button.*

Tista' tagħfas jew "Ikkonferma" l-informazzjoni tal-kumpanija tiegħek jew "Immodifika" kwalunkwe dettalji jekk l-informazzjoni murija hi skoretta. Jeħħ ikun jeħtieġlek timmodifika d-dejta tiegħek, se tinħareġ mill-kwestjonarju onlajn u tittieħed lejn il-BDR (appdejtja l-organizzazzjoni). Kaxxa b'messaġġ twissik li se tkun qed tħalli l-paġna tal-web korrenti. Wara li twettaq it-tibdiliet neċessarji fil-paġna "appdejtja l-organizzazzjoni", tista' tmur lura lejn il-kwestjonarju u tikkonferma d-dejta appdejtjata tal-kumpanija tiegħek.

**Jekk jogħġbok kun żgur li l-informazzjoni dwar il-kumpanija tiegħek tkun korretta f'dan il-pass.**

Wara li tivverifika l-informazzjoni ta' konferma tiegħek, hu obbligatorju li timla s-sena ta' tranżazzjoni u li tikkonferma li l-kumpanija tiegħek mhix obbligata li tirrapporta billi tagħżel il-kaxxa ta' verifika rilevanti. Mhux obbligatorju li tipprovdi spjegazzjonijiet addizzjonali.

Wara li tiċċertifika l-korrettezza, ir-rapport se jinħażen fl-envelopp tal-BDR. Kompli bl-envelopp tal-BDR biex tiffinalizza s-sottomissjoni billi tikklikkja l-buttuna "Issottometti lil DĠ CLIMA/EEA".

Kompli b'*Pass 3*: *Finalizzazzjoni tat-twassil tad-dejta*

➢ ***Pass 2: Ivverifika l-kwalità tad-dejta rappurtata***

Is-sistema tal-BDR tippermettilek tiċċekkja l-kwalità tad-dejta rapportata billi tikklikkja l-buttuna **Run QA #1** fuq l-envelopp viċin l-isem tal-fajl rapportat. Il-funzjonalità ta' "Run QA" mhix applikabbli għar-rapporti NIL. Il-verifika awtomatika tal-kwalità tikxef żewġ tipi ta' żbalji:

- **Żbalji li jimblokkaw** - inkonsistenzi importanti u/jew żbalji fid-dejta rapportata li jeħtiġilhom li jissewwew. Hu meħtieġ li jissewwew l-iżbalji misjubin billi tibdel il-kwestjonarju tiegħek qabel ma tiffinalizza t-twassil!

- **Żbalji potenzjali** - kwistjonijiet li jista' jkun jeħtiġilhom li jiġu segwiti mal-kumpanija tiegħek fi stadju aktar tard. Il-kwistjonijiet se jkunu verifikati manwalment aktar tard mit-tim tal-Gassijiet F jew tal-ODS tal-EEA.

It-twassil tad-dejta mhux aċċettabbli jekk kwalunkwe żball li jimblokka jidher fir-rapport. It-twassil tad-dejta hu aċċettabbli jekk ebda żball jew żbalji potenzjali biss jidhru fit-twassil u ma jkunx hemm żbalji li jimblokkaw.




➢ **Pass 3: Finalizzazzjoni twassil ta' dejta**

L-aħħar pass fit-twassil tad-dejta tagħmlu billi tikklikkja "Issottometti lid-DĠ CLIMA/EEA". Din l-azzjoni se tiffinalizza l-applowdjar tad-dejta. Ebda tibdil fl-envelopp ma jkun possibbli wara dan il-pass.




F'dan l-istadju int tissottometti uffiċjalment ir-rapport tiegħek lid-DG Clima/EEA u "*Konferma tal-Wasla*" se tkun provduta awtomatikament mis-sistema fit-taqsima tal-Feedback tal-envelopp. Ebda tibdil fid-dejta rapportata fl-envelopp ma jista' jsir wara.

➢ ***Pass 4: Feedback dwar it-twassil tad-dejta mibgħuta f'Reportnet***

Billi tissottometti lil DG CLIMA/EEA, is-sistema se tivvaluta awtomatikament il-kwalità tad-dejta tiegħek, li tħaddem l-istess testijiet kif deskritt fil-pass 2. Dan il-proċess jista' jieħu ftit minuti. Ir-riżultati se jkunu provduti fit-taqsima "Feedback għal dan l-envelopp".

F'dan l-istadju t-twassil tad-dejta jista' jirnexxi jew jista' ma jkunx aċċettat dan jiddependi mir-riżultati tal-verifiki awtomatiċi tal-kwalità:

**Tlestija b'suċċess**

Jekk it-twassil tad-dejta ma kienx fih żbalji li jimblokkaw, allura tkun issottomettejt b'suċċess it-twassil tiegħek u "**konferma tal-wasla**" tinbagħatlek awtomatikament fl-envelopp.




Jekk meħtieġ, l-irċevuta tista' tintuża biex tinforma lill-amministrazzjoni nazzjonali tiegħek li l-applowd tad-dejta hu finalizzat.  Il-persuna awtorizzata mill-amministrazzjoni nazzjonali f'pajjiżek imbagħad tkun tista' tara t-twassil tal-kumpanija tiegħek.

**Suġġett:** Konferma tal-wasla

**Mibgħuta awtomatikament fi:** *JJ Xahar 20ss*

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
DK 1050 Copenhagen K

**Lil min tikkonċerna**

Din hi konferma tal-wasla għas-sottomissjoni tad-dejta minn intrapriża skont l-Obbligu Ewropew ta' Rapportar:

- Rapportar tad-dejta (Ir-Regolament dwar il-Gass F 842/2006/KE) [Artikolu 6] (http://rod.eionet.europa.eu/instruments/649)
- Rapportar tad-dejta (Ir-Regolament dwar l-ODS KE/1005/2009) [Artikolu 27] (http://rod.eionet.europa.eu/obligations/213)

It-twassil segwenti kien sottomess għal ***Isem il-kumpanija*** u finalizzat fi ***jum xahar sena***.

Envelopp: test tat-titlu tal-envelopp

Post: url tal-envelopp

Lista ta' fajls:

- ***aaaaaaa.xml***
- ***bbbbbb.bbb***

Il-fajls imsemmijin hawn fuq ġew sottomessi mill-utent: *xxxxxxx*

Id-dejta rappurtata rnexxielha tgħaddi l-verifiki importanti ta' kwalità kollha kemm huma u għalhekk hi aċċettata.

*Din il-konferma hi ġenerata elettronikament mis-sistema Reportnet u għalhekk mhix iffirmata.*

Nota: L-obbligu ta' rapportar fil-konferma tal-wasla se jirrifletti l-informazzjoni applowdjata fl-envelopp.

**Tlestija li ma tirnexxix**

Jekk it-twassil tad-dejta kellu żbalji li jimblokkaw, allura t-twassil ma jkunx aċċettabbli. L-iżbalji rispettivi nħażnu fil-fajl ta' feedback "Riżultat **Awtomatiku ta' KW għall-fajl** ...". Il-konferma tal-wasla għal twassil li ma jirnexxix tissejjaħ "**It-twassil ta' dejta ma kienx aċċettabbli**".




Il-"**Konferma ta' wasla**" għal twassil li ma jirnexxix hu dan li ġej:

**Suġġett:** Konferma tal-wasla

**Mibgħuta awtomatikament fi:** *JJ Xahar 20ss*

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
DK 1050 Copenhagen K

**Lil min tikkonċerna**

Din hi konferma tal-wasla tas-sottomissjoni tad-dejta minn intrapriża skont l-Obbligu Ewropew ta' Rapportar:

- Rapportar tad-dejta (Ir-Regolament dwar il-Gass F 842/2006/KE) [Artikolu 6] (http://rod.eionet.europa.eu/instruments/649)
- Rapportar tad-dejta (Ir-Regolament dwar l-ODS KE/1005/2009) [Artikolu 27] (http://rod.eionet.europa.eu/obligations/213)

It-twassil segwenti kien sottomess għal ***Isem il-kumpanija*** u finalizzat fi ***jum xahar sena***.

Envelopp: test tat-titlu tal-envelopp

Post: url tal-envelopp

Lista ta' fajls:

- ***aaaaaaa.xml***
- ***bbbbbb.bbb***

Il-fajls imsemmijin hawn fuq ġew sottomessi mill-utent: *xxxxxxx*

Id-dejta rapportata ma rnexxilhiex tgħaddi minn verifiki importanti ta' kwalità u għalhekk **mhix aċċettabbli**. Lista ta' żbalji tinsab fir-rapport ta' Feedback tal-envelopp li int ssottomettejt. Jeħtieġlek tagħmel twassil ġdid wara li tirranġa l-iżbalji.

Biex ikun faċli li ssir sottomissjoni mill-ġdid inħoloq envelop ġdid fil-link segwenti u d-dejta rapportata/il-fajls sottomessi

ġew ikkupjati fih:

[url tal-envelopp]

Jekk jogħġbok uża dan l-envelopp maħluq ġdid biex tikkoreġi d-dejta tiegħek u tagħmel sottomissjoni mill-ġdid lil DĠ Clima u lill-EEA.

*Din il-konferma hi ġenerata elettronikament mis-sistema Reportnet u għalhekk mhix iffirmata.*

## Attività 4: Proċess ta' wara s-sottomissjoni

### Is-sottomissjoni mill-ġdid minħabba verifiki ta' kwalità li ma rnexxewx

Għandek tuża l-envelopp ġdid awtomatikament maħluq (sib il-link eżatt fil-fajl "It-twassil tad-dejta ma kienx aċċettabbli", disponibbli fl-erja tal-Feedback) biex tirranġa d-dejta tiegħek u tiffinalizza s-sottomissjoni mill-ġdid f'każ li s-sottomissjoni tat-twassil tiegħek ma rnexxitx minħabba verifiki awtomatiċi ta' kwalità.

### Sottomissjoni mill-ġdid minħabba valutazzjoni manwali

Wara s-sottomissjoni se jiġi valutat ir-rapport tiegħek. Jekk ikunu meħtiġin aktar kjarifiki tiġi kuntattjat permezz ta' email.

Jekk jeħtieġlek tikkoreġi r-rapport tiegħek wara s-sottomissjoni, irripeti l-passi 1 sa 7.

Biex tiffaċilita s-sottomissjoni mill-ġdid tiegħek hu possibbli li tuża l-funzjonalità tal-ikkupjar u tal-ippejstjar tat-twassil preċedenti tiegħek. Il-funzjonalità tippermettilek li tuża mill-ġdid ċifri li diġà ġew rapportati permezz tal-passi segwenti:

**Proċess tas-sottomissjoni mill-ġdid Pass 1:** Oħloq envelopp ġdid u kun ċert li tindika fit-titlu u fid-deskrizzjoni tal-envelopp tiegħek li dan hu verżjoni ġdida kif deskritt hawn fuq fil-pass 3.

**Proċess tas-sottomissjoni mill-ġdid Pass 2:** Ibbrawżja fl-envelopp maħluq mill-ġdid, attiva l-inkarigu ta' Abbozz **u kklikkja l-buttuna "Ikkopja t-twassil preċedenti" fir-rokna tal-lemin.**




**Proċess tas-sottomissjoni mill-ġdid Pass 3:** Agħżel l-isem tal-envelopp li jkun fih twassil preċedenti u kklikkja l-buttuna "Ikkopja l-fajls".




**Proċess tas-sottomissjoni mill-ġdid Pass 4:** Għandu jkun hemm fajl XML ġdid fl-envelopp. Irripeti l-passi 4-7 biex tikkoreġi d-dejta tiegħek u ffinalizza s-sottomissjoni mill-ġdid.

# Ingħata l-għajnuna

| | |
|---|---|
| Għal assistenza teknika b'aċċess għall-BDR u l-proċess ta' sottomissjoni | BDR.helpdesk@eea.europa.eu |
| Għal mistoqsijiet marbuta mal-formoli tad-dejta ODS | ODS.reporting@eea.europa.eu |
| Għal mistoqsijiet marbuta mal-formoli tad-dejta F-Gas | F-gases.reporting@eea.europa.eu |